KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa numru disgħa u sebgħin tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet nhar is-6 ta' : Ġunju 2017 fis-6.50pm fl-uffiċċju tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

**79.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Inqrat e-mail ta' Grace Marie Mallia.

**79.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-Minuti tas-seduta preċedenti kienu approvati b'dawn l-emendi wara li kienu proposti minn Anita Farrugia u sekondati minn Paul Spiteri:

78.03 Inqatgħu 'dawn in-nies' u ddaħħlet 'l-esperti' u wara l-kelmiet 'il-laqgħa iddiġenerat' inqatgħu 'u r-' u ddaħħlu 'għaliex uħud mir-'.

78.03 Fil-ħames paragrafu inqatgħu 'sal-aħħar ta' dan ix-xahar' u ddaħħlet 'sas-16 ta' Ġunju 2017'.

78.05 Inqatgħet il-kelma 'pekunarju'.

**79.03 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku qalet illi d-Dar għall-Anzjani hija inkorporata fil-manifest elettorali tal-Gvern Ċentrali.

Is-Sindku qalet illi kien hemm ċaqlieq fil-bilanċ tal-**Fond għat-Titjib Urban** fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar (PA).

Charlene Zammit qalet illi l-**Kunsill taż-Żgħażagħ** issa hu kompost mis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillier responsabbli mill-Finanzi, Kunsillier responsabbli mir-Relazzjonijiet Pubbliċi, Membru u Segretarja,u dan qed jiltaqa' b'mod regolari u qed iħabrek sabiex jagħmel titjib fi Ġnien Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, quddiem il-każin tal-futbol. Il-fondi allokati għal dan il-proġett f'każ illi jkun magħżul huma ta' €3,000.

Dwar il-proposta **Clean up day**, se nippruvaw ninvolvu wkoll lill-Kunsill taż-Żgħażagħ biex inqajmu aktar għarfien, u s-Sindku qalet illi jinħtieġ illi nagħmlu promozzjoni fuq l-*application* ta' ta' Garby and Tidy. Intant is-Sindku qalet illi għandna stima verbali tas-Sur Joe Farrugia (il-bażżi) ta' €450 biex inaddaf Triq tas-Sejba.

Is-Sindku qalet illi rridu nfakkru lill-Gvern b'mod urġenti biex titranġa ruħa Triq tas-Sejba minħabba li niżlet ħafna u għadha nieżla fuq ir-riħ tal-barriera.

Issemma' l-fatt illi s-sidien tal-kabbani li kienu interessati jarmaw fil-**Mass Meeting** tal-Partit Laburista żiedu max-xogħol tal-KLM.

Peress li jidher li telgħu xi persuni fuq il-ħajt ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija propju fejn jifred minn Triq Baskal Xuereb jidher li waqgħet biċċa mil-**coping tal-konkos** li kien hemm fuqu fit-triq.

Charlene Zammit qalet illi ġiet infurmata mill-President tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju, illi l-Festa tal-Madonna tal-Ġilju issa ġiet posposta għall-24 ta' Settembru.

Charlene Zammit ipproponiet illi insejħu laqgħa mal-gwardjani lokali, il-pulizija u s-soċjetajiet biex nitkellmu dwar l-immanigjar tat-traffiku.

Charlene Zammit qalet illi l-mawra f'Għawdex kienet suċċess minkejja ż-żmien li ġiet fih, u min ġie magħna ingħata l-opportunita' li jżur il-Mitħna ta' Kola u l-Iġgantija.

Is-Sindku tkellmet dwar Jum l-Imqabba fejn qalet illi ġejna nfurmati illi l-KLM mhux se jingħata għajnuna monetarja mid-Dipartiment Gvern Lokali biex ikun jista' jorganizza Festa Ravjul. Hija qalet ukoll illi irridu naraw jekk hux se jibqa' jsir il-marċ mis-soċjetajiet mużikali billi mhux qed ikun hawn konkorrenza għalih. Hija pproponiet illi l-fondi għandhom jingħataw lis-soċjetajiet għal servizzi oħra.

**79.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

Ma kienx hemm.

**79.05 *Management Letter 2016* – it-tweġiba (draft);**

Inqrat ir-risposta magħrufa bħala ir-**Reply for the Management Letter** tal-Awditur għas-sena 2016. Il-Kunsill approvaha minkejja li Charlene Zammit se tbiddel it-tmiem tagħha qabel ma din tintbgħat lin-*National Audit Office*. Fil-frattemp kien deċiż illi l-assenza mil-laqgħat tal-KLM ta' Anita Farrugia imsemmija fl-istess *Management Letter* hija waħda ġustifika u l-KLM se jirrakkomanda lill-Ministru (u lid-Dipartiment Gvern Lokali) illi din għandha żżomm postha bħala kunsillier.

**79.06 Approvazzjoni tal-materjal tal-Ħarġa tal-Fuljett;**

Kien approvat l-artiklu tas-SE, u tas-Sindku tal-Kunsill taż-Żgħażagħ biss għal **ħarġa tal-fuljett** li jmiss peress li l-artikli l-oħra ma kienux għadhom waslu. Fuq il-faċċata kien deċiż li npoġġu ir-ritratt tal-Kunsill taż-Żgħażagħ.

Kien deċiż illi fl-Agenda tal-laqgħa tal-KLM li jmiss indaħħlu it-tibdil fir-regolamenti ta' Ġieh l-Imqabba 2017.

**79.07 Rapport Finanzjarju (1 Kwrt) 2017;**

Kien approvat ir-**Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2017**.

**79.08 Possibilita' ta' bankina f'parti minn Triq Valletta**

Charlene Zammit ipproponiet **laqgħa ma' Transport Malta** biex naraw kif nistgħu nimmaniġġjaw it-traffiku goff fi Triq Valletta, b'mod speċjali fejn tidjieq din it-triq. Hija qalet illi r-residenti ssuġġerewlna sabiex inżidu l-bankina lejn ir-residenza tal-bieb aħmar.

**79.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Kienet approvata iċ-ċedola tal-pagamenti numru 532 u l-KLM iddeċieda li joħroġ pagament *interim* ta' €10,000 lill-kumpanija Asfaltar Ltd tax-xogħlijiet ta' kisi ta' toroq li kien sar fil-leġislatura preċedenti.

**79.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9.15pm u dik li jmiss se ssir nhar is-27 ta' Ġunju 2017 fis-6.00pm.

Miġbura minn Anthony Bonello
Segretarju Eekuttiv

u approvati llum 27.6.2017 minn Dr Charlene Zammit
Sindku